**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs**

**David Bonnici**

**Seduta Distrett Valletta**

**Illum 29 ta' Lulju 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **David Bonnici** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 83777(M) billi huwa akkuzat talli fit-22 ta' Lulju 2019 ghall-habta ta' bejn is-13:15hrs u 13:45hrs gewwa Awla numru 4 kif ukoll gewwa l-bini tal-Qorti, il-Belt Valletta:

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe` l-Ispettur Kylie Borg fil-waqt li kienet qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti

skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti, u dan bi ksur tal-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn-servizz pubbliku cioe l-Ispettur Kylie Borg waqt li kienet taghmel jew minhabba li kienet taghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaha jew li jinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Volontarjament ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-Ispettur Kylie Borg skont ma iccertifikat Dr. Anna Micallef Med. Reg. No. 4146 mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana u dan bi ksur tal-artikolu 221(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Ispettur Kylie Borg, PC 1458 M. Fenech u PC 1329 K. Schembri ufficcjali pubblici waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma hallihomx jew fixkel jew indahal lill-imsemmija ufficcjali waqt il-qadi ta' dmirijiethom u dan bi ksur tal-artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija titratta mal-imputat li huwa recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 u dan wara diversi sentenzi li saru definittivi.

Semghet il-provi u rat dokumenti esebiti inkluz footage mis-sistema tas-CCTV tal-Qorti[1];

Semghet trattazzjoni finali mill-Prosekuzzjoni u difiza.

[1] Video Number : 25_13_M_190722134052 - 22/07/2019 - CAM13 – DVR 2 - Time: 13:40:55

**Il-fatti specie tal-kaz**

Il-kaz kellu l-bidu tieghu nhar it-Tnejn 22 ta' Lulju 2019 wara nofsinnhar meta l-imputat tressaq il-Qorti mixli b'imputazzjonijiet dwar vjolenza domestika. L-incident sehh kemm fl-awla fejn saret il-prezentata kif ukoll barra l-istess awla. Fl-incident indarbet l-Ispettur Kylie Borg li nvestigat u ressqet il-Qorti lill-imputat.

**XHIEDA**

F'dan il-kaz instemghu tmien (8) xhieda waqt is-seduta tal-Hamis 25 ta' Lulju 2019:

Magistrat Dr. Charmaine Galea, Spettur Kylie Borg, Dr. Mario Mifsud, Spettur Roderick Agius Custo, PS6 Duncan Demicoli, William Aquilina, Walter Bonnici, Direttur Generali tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin Kurunell Alex Dalli

Waqt li tliet (3) xhieda xehdu bis-sistema tal-affidavit:

It-tabiba Anna Micallef, PC 1329 Kevin Schembri u PC1456 Malcolm Fenech.

Stante li x-xhieda tinstab traskritta m'hemmx il-bzonn li din tkun riprodotta f'din is-sentenza izda se ssir referenza ghall-punti li huma importanti biex ikun trattat u deciz dan il-kaz.

## KUNSIDERAZZJONIJIET GENERALI

## Preliminari[2]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu nterpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk, l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

---

[2] Il-Qorti qieghda tibbaza dan fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti m'għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidħlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li mhumiex previsti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk, quddiemha, huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda 'l oħra, jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif ghamlet, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilta' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huma principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet Legali Generali Applikabbli ghall-Kaz Odjern**

Kif din il-Qorti kellha opportunita li tosserva f'diversi pronuncjamenti taghha, huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**,[3] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni **hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju** (Enfazi ta' din il-Qorti) Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Il-Qorti tal-Appell ghamlet riferenza ghall-ispjegazzjoni tal-espressjoni *"beyond reasonable doubt"* moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v**

[3] Deciza fil-5 ta' Dicembru 1997

**Minister of Pension:** *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*[4]

**Apprezzament tal-provi fl-assjem**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi l-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis- sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn

[4] 1974 - ALL Er 372

xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Gudikant li jkun se jiddeciedi, kif se jaghzel is-sikkrana mill-qamh? It-twegiba nsibuha f'decizjonijiet li taw il-Qrati taghna:

> *Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.*[5]

F'decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-kaz **Il-Pulizija** *vs* **Charles Bianco**[6] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

> Din il-Qorti kellha okkazjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent iżda jkunu qegħdin jixhdu *in rebus suis*, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi żgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "żgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-każ u jfakkru lil xulxin x'gara dakinhar tal-

---

[5] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz** fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.
[6] Appell Kriminali Numru. 115/2006

allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti biżżejjed biex ma "jikkorregux" il-verzjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkażjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.

Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

*id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz.*

**X'IRRIZULTA MIX-XHIEDA**

Mix-xhieda li nstemghet minn din il-Qorti rrizulta:

- L-imputat tressaq il-Qorti b'arrest dwar imputazzjonijiet ta' vjolenza domestika fil-konfront ta' missieru.
- Tressaq il-Qorti mill-Ispettur Kylie Borg, *parte civile* f'dawn il-proceduri.
- Saret trattazzjoni jekk kienx ħa jingħata jew le l-liberta' provizorja.
- L-imputat indirizza lil missieru u beda jgħidlu li ħa jitfgħu l-ħabs u li m'għamilx sew.
- Il-Qorti ordnat li jibqa' jinżamm arrestat fejn x'hin sema' li ħa jibqa' miżmum arrestat, l-imputat sploda, beda jgħajjat u beda jidgħi. Pulizija li kien warajh prova jikkalmah. Qam minn bilqiegħda u beda riesaq lejn in-naħa tal-avukat difensur tieghu Dottor Michael Tanti Dougall fejn il-Magistrat qaltlu li dan l-aġir mhux permissibbli fil-Qorti. Baqa' jippersisti, beda jgħajjar lill-Ispettur Kylie Borg fis-sens "Ja żibel! Ja liba!" Xħin beda jsir iktar aġitat, l-Ispettur marret biex twaqqfu u qaltlu *"oqgħod kwiet. Qed tgħarraq lilek innifsek."* U kompla xorta jgħajjarha.
- Indirizza ukoll lill-Qorti u qallilha, *"inti ma tafx x'inti tagħmel! Qaluli li inti kattiva!"*.
- Gew uffiċjali oħra tal-pulizija fejn segwew l-ordni tal-Qorti biex ikun immanettjat u dan għas-sigurta' ta' kulħadd għaliex xħin marret biex twaqqfu l-Ispettur Kylie Borg qaleb bank, mar fuq in-naħa tal-ġenb tal-awla, bl-Ispettur Kylie Borg tipprova tikkalmah però huwa aktar beda jsir aggressiv, beda jgħid ukoll lill-Ispettur: *"Jiena lilek noqtlok!"*

- L-Ispettur spjegat li *"jiena qbiżt l-injama, jiġifieri ma dortx minn mal-injama imma qbiżt biex ġejt ħdejh, bqajt inressqu lura biex hu, number one, ma jersaqx viċin il-Maġistrat, kif ukoll inżommu milli jibqa' b'dak l-aġir illi kien qiegħed. Dak il-ħin imbagħad dar, beda jdur ukoll viċin id-Difiża, jiġifieri mar ukoll viċin l-avukat tiegħu fejn qiegħed bħalissa jiġifieri viċin l-ewwel siġġu u jiena u PC 1458 żammejnih lura, żammejnih lura fil-kantuniera u kien hemmhekk illi jiena bqajt inżommu b'idejja t-tnejn biex hu ma jersaqx, kemm ma jersaqx lura. Dak il-ħin ovvjament baqa' t-tgħajjir u d-dagħa u anke t-theddid illi se joqtol lili, u waqt li jiena kont qed insressqu lura, lanqas inressqu, inżommu milli jersaq 'il quddiem, huwa qabad sakemm idi kienu ma' spaltu, hu qabadli idejja, qabadli idejja t-tnejn minn wara l-polz jiġifieri minn bejn il-polz u l-elbow, il-minkeb, tant li jiena dak il-ħin tlift l-użu tagħhom, jiġifieri ma stajtx nużahom idejja, beda jagħfasli idejja tant jiġifieri li għadha sal-lum it-tbenġila illi jiena sofrejt minħabba dak l-għafis. Dak il-ħin l-avukat tiegħu beda jgħidli, "itilqu! Itilqu!" Mentri jiena dort lejn l-avukat għidtlu, "jien m'inhix immissa; dan litteralment qed iżommni hu!" Imbagħad l-avukat tiegħu beda jgħidlu, "Itlaqgħha! Itlaqgħha!" Imbagħad wara ftit ħin telaqni u dak il-ħin imbagħad il-Maġistrat ordnat illi jiġi immanettjat fl-awla stess. Jiġifieri s-seduta baqgħet għaddejja bl-imputat immanettjat. Aħna poġġejnielu l-manetti fuq wara, imbagħad aħna mexxejnih lejn il-bank, poġġejnih bilqiegħda fuq il-bank, ikkalma mill-aġir aggressiv fiżiku, però baqa' jwaddab l-insulti u t-theddid fil-konfront tiegħi. Jiena u PC 1458 bqajna ħdejh fuq il-bank. Jiena bdejt inżommu minn spaltu naħa u PC 1458 baqa' jżommu fuq spaltu minn naħa l-oħra kemm ma jqumx, jiġifieri mhux bdejna nagħfsuh 'il isfel, just qegħdin hemmhekk kemm ma jerġax iqum. Fil-fatt imbagħad ma reġax qam. Sussegwentement huwa reġa' qalli, f'ħin*

*minnhom il-kelma "noqtlok!" qalhieli, "Jiena nixtieq noqtlok, iżda naħfirlek." Ma tanix spejgazzjoni ta' xhiex ried jaħfirli, però qalli dak id-diskors. Gibt lill-PC 1329 u flimkien il-1329 u l-1458 u jiena ħriġnih barra mill-awla. Barra mill-awla mbagħad staqsewni jekk iniżżluhx isfel, għidtilhom iva. Niżżluh isfel. Jiena ovvjament bqajt sejra magħhom biex nara illi kollox ikun taħt kontroll għaliex dan bħalma għamel fl-awla seta' għamel barra. Fil-fatt barra baqa' jiġifieri fit-triq kollha jiġifieri minn awla numru erbgħa (4) sa ħdejn il-lift ta' fejn awla numru tnax (12) baqa' jgħid illi jrid joqtol lili, beda jgħidli, "You are a fucking coward!" minħabba illi skont hu qegħdin naqbdu maż-żgħir. Meta dorna mbagħad lejn il-lift kien ukoll beda qisu jrid jaħrab mill-hold illi kellhom il-pulizija biex jiġi għalija, jiġifieri lili beda jindirizzani l-ħin kollu jiġifieri anke meta kont warajh, "Noqtlok! Noqtlok! Noqtlok!" Dak il-ħin tfaċċa Dottor Mario Mifsud illi kellu xi kawża x'imkien ieħor, ġo awla oħra, u sa daħal quddiemu u quddiemi biex hu, David Bonnici, jieqaf milli jipprova jeħles mill-grip li kellhom il-pulizija fuqu sabiex jiġi għalija. Sussegwentement imbagħad irnexxielhom idaħħluh ġewwa l-lift u kien hemm anke xi membri tal-SRT illi għenu lill-pulizija tiegħi biex niżlu isfel.*

- L-Ispettur Kylie Borg soffriet griehi hfief.

## Intossikazzjoni

Ix-xhud tad-difiza, missier l-imputat Walter Bonnici, ried jaghti x'jifhem li dak li sehh, sehh minhabba li l-imputat ma nghatax il-medicina sostitut tad-droga illecta, semma' l-*withdrawal symptoms* u sahansittra l-effett ta' meta l-imputat jiehu l-kokaina. Il-Qorti se tara jekk dak dispost fl-artikolu 34(4) tal-Kodici Kriminali japplikax qabel tibda tanalizza l-imputazzjonijiet migjuba kontrih.

Missier l-imputat u sa certu punt l-avukat difensur tieghu jishqu illi l-istat mentali tieghu kien ikkundizzjonat mill- fatt illi jabbuza mid-droga kokaina jew ghal fatt li ma kienx ha l-medicina li soltu jiehu:

*Dr Michael Tanti Dougall:*
*Mela, David inti tieħu ħsieb xi kura tiegħu? Ittih xi mediċina li jkun irid? Tista' tgħid x'inhi? U jekk għandux bżonnha jew le? Spjega lill-Qorti. U dwar xhiex?*

*Ix-xhud:*
*Sa fejn naf jiena bħalissa kien għaddej bil-kura tas-Suboxone, hemm mediċina jgħidulha Suboxone li din toħodha u suppost tilqa' għall-effetti tad-droga, jiġifieri tneħħi l-uġigħ, biex niftehmu, u ġġibek f'pożizzjoni li tista', qisu replacement tal-methadone, hija Suboxone imma hija iktar speċjalizzata u daqsxejn iktar expensive. Dan kien qiegħed fuqha, naf ċert li kien qiegħed fuq is-Suboxone, għax dan kemm-il darba kont inżommhomlu jiena għax it-tabib kien jgħidli dik ma jistax jieħu iktar minn one a day,*

*[...]*

*<u>Dr Michael Tanti Dougall</u>:*

*Spjega lill-Qorti kif jaġixxi ibnek meta ma jkunx ħa din il-mediċina.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le, jekk ikun qiegħed joħodha, speċjalment cocaine, ok, speċjalment cocaine, jekk inti tkun qiegħed qed tieħu l-cocaine, imbagħad qed toltera bis-Suboxone ukoll, qed tifhem, jista' joltera kompletament.*

*[...]*

*<u>Dr Michael Tanti Dougall</u>:*

*Mela, mill-esperjenza x'jiġri jekk ma joħodhiex?*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*U jista' jiftaħ l-għajnejn li d-droga ma mmissuhiex. U min qed jipprova jghid li d-droga tista' tintuza ghal skop rikrejjativ m'hemm xejn rikrejattiv imma tiftaħ il-kaptelli għall-qabar! Imma għandna min hu bravu qed jipprova jgħidilna li d-droga tista' tkun recreational. Issa ħaxixa jew kokaina u mhux, kollha ħżiena d-drogi!*

*<u>Dr Michael Tanti Dougall</u>:*

*Walter, nerġa' nagħmillek id-domanda meta t-tifel ma jkunx ħa l-mediċina minħabba d-droga, kif normalment tarah jaġixxi inti? Illi jekk inti qed tieħu s-Suboxone, inti assolutament ma tistax tieħu l-cocaine fuqha, orrajt? Din jgħidhielek it-tabib, għax l-effetti flimkien huma jistgħu jkunu devastanti. Jiġifieri jistgħu jġibuk, ma tkunx taf totalment out of your mind. Jiġifieri rajna affarijiet li ġraw meta jmorru out of their*

*mind completely. U meta inti ma toħodhiex, issa hu kien qiegħed fuq is-Suboxone at that time, orrajt? Li naħseb ġara dejjem, għax jiena li naħseb li ġara. Dan kien qiegħed jieħu s-Suboxone għax kien għamel perjodu għaddej tajjeb ħafna, kien kważi sar miraklu, għax beda jiġifieri, kien daħal, biex ngħidlek il-verità, sar membru tar-River of Love, m'għandhiex x'taqsam, imma insomma, u beda dan u għamel kors magħhom u ġab id-diploma, hu dan qisu għamel trasformazzjoni f'daqqa waħda, ftit xhur, lanqas bdejt nemminha jien jiġifieri. Dan imbagħad jidher li at one point jiġifieri reġa' waqa' b'xi mod jew ieħor, naħseb jiena beda fuq il-cocaine ukoll għax il-cocaine hija l-agħar. Imbagħad kien qiegħed ukoll bil-kors tas-Suboxone għax is-Suboxone jien stess kont intihomlu. Dan naħseb li ġara ħa l-cocaine, kien ilu żmien ma jieħu, allura kienet devastanti, u din il-mixture, is-Suboxone mbagħad meta ġie arrestat ovvjament dakinhar filgħaxija u ħallewh iċ-ċipp, kien diġà under the altered state. Dan allura meta kien fiċ-ċipp, ovvjament ma tawhx kura nassumi. Dan kien all night, jiġifieri nassumi għadda mill-passjoni tad-dinja, naf li jiena stess kontrih ta, jiġifieri biex niftehmu, ara ma taħsibx li qiegħed nipprova, u lanqas qiegħed nipprova dan, għax il-pulizija anzi għenuni kull meta kelli bżonn u dejjem għamlu l-affarijiet sura nies, dan kien fiċ-ċipp, tista' timmaġina, all night, bl-effetti ta' din il-kontra dan, bl-uġigħ, bil-dan għax jien naf x'inhi, li qisu għandek cancer, imbagħad ġabuh mill-ewwel hawn, jiġifieri l-Qorti mingħajr kura, mingħajr xejn, u ovvjament ħe, ħe, beda jgħid il-ħmerijiet hu meta konna hawnhekk.*

*[...]*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Sur Bonnici, meta avviċinawk il-pulizija biex iġġiblu l-ħwejjeġ lit-tifel, inti għal li jista' jkun għidtilhom li kien jieħu dik il-mediċina u jaraw li għandu jeħodha dik il-mediċina?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le, għax tant kien tard, tant kien inqala' dan, tant kien hemm kommozzjoni u din u l-oħra, le, il-verità m'għidtilhomx. Il-verità, m'għidtilhomx.*[7]

Fil-kaz fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Charles Steven Muscat**[8] deciz fit-8 ta' Gunju, 2006 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ntqal:

*Il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li biex stat ta' sokor jeskludi l-imputabilita`, is-sokor irid ikun ta' grad tali li jnehhi l-koxjenza jew il-volontarjeta` ta' l-att kostitwenti r-reat, u cioe` li fil-hin tar-reat l-akkuzat ma kienx jaf x'qed jaghmel jew ma kienx jaf li dak li kien qed jaghmel kien xi haga hazina. Skont din il-gurisprudenza wkoll il-fatt li akkuzat jiftakar dak li jkun gara, ez. fi stqarrija dettaljata lill-Pulizija, jikkostitwixxi prova li huwa kien koxjenti ta' dak li kien qieghed jaghmel.*[9]

[7] Xhieda moghtija minn Walter Bonnici fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2019

[8] Numru 9/1996 mill-Imhallfin Joseph A. Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef

[9] Ara p.ez. Appelli Kriminali Inferjuri Il-Pulizija v. John Micallef, 27 ta' Novembru 1958, Vol. XLII.iv.520; Il-Pulizija v. Anthony sive Tony Bonavia, 30 ta' April 1993; Il- Pulizija v. Emanuel Tabone, 26 ta' Awissu 1998, Vol. LXXXII.iv.330 Il-Pulizija v. Mario Camilleri, 6 ta' Ottubru 1998, Vol. LXXXII.iv.364.

Il-Qorti issa se tara x'qalu l-Qrati Inglizi meta trattaw dan il-punt tal-intossikazzjoni:

> As regards intoxicating drugs, in *Bailey*, 77 Cr.App.R. 76, CA, the Court of Appeal stated that for crimes of basic intent, intoxication due to voluntary consumption of dangerous drugs could not amount to a defence as recklessness will suffice for the *mens rea* of the offence, and such recklessness can be found in the decision to consume dangerous drugs. However, in the context of non-dangerous drugs, such as insulin taken by a diabetic, such recklessness cannot be so easily found as whilst "*It is common knowledge that those who take alcohol to excess or certain sorts of drugs may become aggressive or do dangerous or unpredictable things … the same cannot be said without more of a man who fails to take food after an insulin injection. If he does appreciate the risk that such a failure may lead to aggressive, unpredictable and uncontrollable conduct and he nevertheless deliberately runs the risk or otherwise disregards it, this will amount to recklessness*"; *per* Griffiths LJ (at 80). In *Hardie*, 80 Cr.App.R. 157, CA, the defendant, charged with an offence under the Criminal Damage Act 1971, had taken a number of valium tablets (prescribed for someone else). The Court of Appeal held that this did not necessarily amount to voluntary intoxication, Parker L.J stating that:
>
> > "*… if the effect of a drug is merely soporific or sedative the taking of it, even in some excessive quantity, cannot in the ordinary way raise a* conclusive *presumption against the admission of proof of intoxication for the purpose of*

> *disproving mens reain ordinary crimes, such as would be the case with alcoholic intoxication or incapacity or automatism resulting from the self-administration of dangerous drugs."*(at 160)

The relevant question was whether the taking of the drug itself was reckless, which would provide the necessary *mens rea* of the offence.

In *DPP v. Majewski* (1977) A.C. 443, HL, the appellant **had been convicted of assaults occasioning actual bodily harm and assaults on police officers in the execution of their duty. His defence was that by reason of drugs voluntarily taken he did not know what he was doing. The House of Lords held that as regards crimes of basic intent, where the necessary mental element is recklessness, or in the context of assault, foresight that the accused actions would cause another person to have apprehension of immediate and unlawful violence, or would possibly have such a consequence, a voluntarily intoxicated defendant will not be able to assert that due to the intoxication he was senseless and therefore had neither recklessness nor intent as regards the *actus reus* of the offence**. Lord Elwyn-Jones L.C. stated (at 464–475):

> *"If a man of his own volition takes a substance which causes him to cast off the restraints of reason and conscience, no wrong is done to him by holding him answerable criminally for any injury he may do while in that condition. His course of conduct in reducing himself by drugs and drink to that*

*condition in my view supplies the evidence of mens rea, of guilty mind certainly sufficient for crimes of basic intent. It is a reckless course of conduct and recklessness is enough to constitute the necessary mens rea in assault cases … The drunkenness is itself an intrinsic, an integral part of the crime, the other part being the evidence of the unlawful use of force against the victim. Together they add up to criminal recklessness. On this I adopt the conclusion of Stroud in (1920) 36 L.Q.R. at p. 273 … By allowing himself to get drunk and thereby putting himself in such a condition as to be no longer amenable to the law's commands, a man shows such regardlessness as amounts to mens rea for the purpose of all ordinary crimes."*

And at 475:

*"My noble and learned friends and I think it may be helpful if we give the following indication of the general lines on which in our view the jury should be directed as to the effect upon the criminal responsibility of the accused of drink or drugs or both, whenever death or physical injury to another person results from something done by the accused for which there is no legal justification and the offence with which the accused is charged is manslaughter or assault at common law or the statutory offence of unlawful wounding under section 20, or of assault occasioning actual bodily harm under section 47 of the Offences against the Person Act 1861.*

*In the case of these offences it is no excuse in law that, because of drink or drugs which the accused himself had taken knowingly and willingly, he had deprived himself of the ability to exercise self-control, to realise the possible consequences of what he was doing, or even to be conscious that he was doing it. As in the instant case, the jury may be properly instructed that they "can ignore the subject of drink or drugs as being in any way a defence" to charges of this character."*

Thus for crimes where recklessness is the sufficient *mens rea*, voluntary intoxication will not afford an defence. These crimes would seem to include (for the purposes of the magistrates' courts) common assault, assault occasioning actual bodily harm, **assault on a police officer in the execution of his duty**, malicious wounding against section 20 of the Offences against the Person Act 1861, taking a conveyance without the owner's authority contrary to section 12(1) of the Theft Act 1968, arson or criminal damage contrary to section 1(1) of the Criminal Damage Act 1971 if recklessness is charged, arson or criminal damage contrary to section 1(2) of the Criminal Damage Act 1971 if recklessness is alleged.[10]

[10] **ARCHBOLD** MAGISTRATES' COURTS CRIMINAL PRACTICE 2018 - Pg 772-773

Issa l-artikolu 34 tal-Kodici Kriminali jikkontempla mitigazzjoni fil-piena minhabba stat ta' intossikazzjoni meta:

*"a) minħabba f'hekk il-persuna akkużata, fil-waqt tal-att jew tan-nuqqas in kwistjoni, ma kenitx kapaċi li tifhem jew li jkollha volontà u kienet tinsab fi stat ta' sokor bla ma riedet hija, bl-egħmil doluż jew negliġenti ta' persuna oħra; jew (b) il-persuna akkużata, minħabba s-sokor, kienet fi stat ta' ġenn, temporanjament jew xort'oħra, fil-waqt ta' dak l-att jew ta' dak in-nuqqas."*

Issa mill-atti probatorji ma jirrizultax illi f'dan il-kaz kien hemm is-sussistenza ta' xi wahda minn dawn iz-zewg ipotizijiet li jitkellem dwarhom l-artikolu 34.

**<u>L-uzu tal-forza mill-pulizija</u>**

Missier l-imputat waqt ix-xhieda tieghu spjega dwar dak li sehh fl-Awla dakinhar tal-incident fit-22 ta' Lulju 2019:

*"jien bdejt nagħti l-evidenza. Sadanittant it-tifel David beda joħroġ out of control verbalment –* ***verbalment*** *–*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Iva, dak il-ħin.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Beda jgħajjar, beda jgħidilhom, "intom korrotti! Lili ġġibuni bħala vittma! Jiena l-vittma! Dawk li jippuxxjaw id-drogi tħalluhom! Dejjem tressqu lill-vittmi! Jiena vittma!" u dawn l-affarijiet. U beda jgħid minn*

*kollox, u jgħajjarhom u din u inpatti u ma inpattix u dan, dak jgħidha lil kulħadd. Imma li skantati jiena – u se jkolli bilfors ngħid il-verità, kontra l-qalb tiegħi għax qed ngħidlek, jiena dejjem għenuni l-pulizija meta kelli xi problema, ċempiltilhom, ħadu l-dan, għandi rispett kbir, rispett kbir, imma l-verità jkolli ngħidha, għax jiena jekk it-tifel, jien stess ġibtu biex forsi nsolvi l-problema tiegħu, ikun magħluq x'imkien għal ċertu żmien, forsi nsibu soluzzjoni, imma ma nafx – dan l-ispettur f'daqqa waħda – f'daqqa waħda, split second, and this I say it in front of God u in front of you, qiegħed hawn b'ġurament, orrajt, li jien skantatni l-biċċa – splodiet, daret, telqet tiġri, qabżet fuqu, tajjret il-dan hawn, kien hawn il-Maġistrat, kien hawn inti hemmhekk, kien hemm, ma nafx min kien hemm hemm wara, jiġifieri dawn rajnihom, split second, telqet tiġri, qabżet fuqu, tajjret l-istand li kellu quddiemu, qabditu hekk minn għonqu, sabbtitu mal-ħajt, imbagħad intervena l-pulizija l-ieħor, hu beda jiddefendi ruħu, ħeqq, ovvjament sejjer hekk hu, f'dak l-istat li qiegħed, jiġifieri jiena jiena biss li għandi ngħid, jiena ma rajthiex l-akkuża, imma jekk l-akkuża hija physical aggression, jiena sa fejn naf jien, m'inhix perit, aw, avukat, imma se jkun hemm differenza, se jkun hemm differenza bejn physical aggression u verbal aggression.*

Il-Qorti filwaqt li tinnota li dak li xehed missier l-imputat huwa differenti minn dak deskritt mill-Magistrat Charmaine Galea u l-Ispettur Kylie Borg fix-xhieda taghhom dwar l-istess incident, terga' ttenni l-hsibijiet taghha dwar l-uzu tal-forza mill-frozi tal-ordni wara li qrat il-pubblikazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa ta' Dicembru 2014 **The European Convention on Human Rights and Policing.**

Il-Qorti tfakkar li l-ghan ewlieni tal-pulizija f'socjeta' demokratika li titmexxa bir-rule of law kif gej:

*To maintain public tranquillity and law and order in society;*

*To protect and respect the individual's fundamental rights and freedoms as enshrined, in particular, in the European Convention on Human Rights;*

*To prevent and combat crime;*

*To detect crime;*

*To provide assistance and service functions to the public.*[11]

Il-Qorti tifhem l-isfidi li ghandhom il-Pulizija fil-hidma taghhom ta' kuljum u dan anke kien rikonoxxut mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem:

*'difficulties in policing modern societies, the unpredictability of human conduct and the operational choices which must be made in terms of priorities and resources'*[12]

Il-Qorti tfakkar li fid-decizjonijiet li jiehdu l-pulizija f'hidmithom ghandhom izommu quddiem ghajnejhom li dawn id-deicizjonijiet ikunu kif isejjah il-Kunsill tal-Ewropa bhala "*proportionate*" fejn fil-ktieb imsemmi jaghti dawn il-linji gwida:

*1. the reason(s) for the action taken.*

---

[11] Recommendation Rec(2001)10 of the Committee of Ministers to member states on the European Code of Police Ethics at Article I.1

[12] Kontrova v Slovakia, judgment of 31 May 2007 at paragraph 50.

*2. whether other, less intrusive means could have been taken to achieve the same aim.*

*3. details of relevant legal and administrative provisions and how they have been complied with.*

*4. the necessity for the action to be taken and the foreseeable consequences.*

*5. how the is action likely to impact upon others.*

*6. confirmation, including reasons specific to the decision concerned, that the action is being taken for a legitimate reason and is non-discriminatory.*

*7. whether the decision has been taken on the basis of all relevant information.*

Il-Qorti thoss li huwa gustifikat li hawn jinghata rendikont tat-**Ten Key Principles Governing the Use of Force** tal-Pulizija Ingliza biex waqt hidmithom l-ufficjali jkunu jafu meta huwa accettabbli l-uzu tal-forza ghaliex il-pulizija meta johorgu mid-djar taghhom u jhallu l-familja warajhom iridu jirritornaw lura qawwijin u shah u mhux imwegga' waqt hidmithom. Ghaliex meta persuna tattakom waqt hidmithom il-ligi stess tawtorizzhom biex juzaw il-forza dejjem propozjonata u ma jesagerawx f'hidmithom ghaliex imbaghad ma jippretendux hajt ta' kenn.

*1. Police officers owe a general duty to protect persons and property, to preserve order, to prevent the commission of offences and, where an offence has been committed, to take measures to bring the offender to justice;*

*2. Police officers may, consistent with this duty, use force in the exercise of particular statutory powers, for the prevention of crime or in effecting a lawful arrest. They may also do so in self defence or the defence of others, to stop or prevent an imminent breach of the peace, and to protect property;*

*3. Police officers shall, as far as possible, apply non-violent methods before resorting to any use of force. They should use force only when other methods have proved ineffective, or when it is honestly and reasonably judged that there is no realistic prospect of achieving the lawful objective identified without force;*

*4. When force is used it shall be exercised with restraint. It shall be the minimum honestly and reasonably judged to be necessary to attain the lawful objective;*

*5. Lethal or potentially lethal force should only be used when absolutely necessary in self- defence, or in the defence of others against the threat of death or serious injury;*

*6. Any decision relating to the use of force which may affect children, or other vulnerable persons, must take into account the implications of such status including, in particular, the potentially greater impact of force on them;*

*7. Police officers should plan and control operations to minimise, to the greatest extent possible, recourse to lethal force, and to provide for the adoption of a consistent approach to the use of force by all officers. Such planning and control will include the provision to officers of a sufficient*

*range of non-lethal equipment and the availability of adequate medical expertise to respond to harm caused by the use of force;*

*8. Individual officers are accountable and responsible for any use of force, and must be able to justify their actions in law;*

*9. In order to promote accountability and best practice all decisions relating to the use of force, and all instances of the use of force, should be reported and recorded either contemporaneously, or as soon as reasonably practicable;*

*10. Any decision relating to the use of force by police officers must have regard to the duty of care owed by the relevant police service to each individual police officer in the discharge of his duties. Deployment of police officers in a public order context where force may be used can carry grave risks to their own safety, and so must be the subject of rigorous control for that reason also.*

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET**

**L-ewwel u t-tieni imputazzjoni**
**Artikolu 96 u 95 tal-Kodici Kriminali**

Illi ghalkemm l-imputat jinsab akkuzat bir-reati ikkontemplati fl-artikolu 95 u 96 tal-Kapitolu 9, irid jigi puntwalizzat mill-bidu nett illi hemm distinzjoni netta bejn dawn iz-zewg reati ghalkemm it-tnejn ghandhom bhala vittma persuna fil-vesti ufficjali taghha.

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqsu il-gieh u ir-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni w it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, jghidu:

> ***"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."***

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

> *"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."* **(sottolinjar tal-Qorti)**

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Giuseppe Borg** jinghad:

> ***"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."*** **(sottolinjar tal-Qorti).**

L-awturi kollha Taljani fosthom il-Maino u il-Carrara isotnu:

> ***"Non occorre che il pubblico ufficiale vesta la divisa, ma la sua qualita debe essere nota a chi resiste."***

L-artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku f'dan il-kaz Spettur tal-Korp tal-Pulizija Kylie Borg, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghall-kummissjoni ta' dana ir-reat. Il-Mamo ikompli ighid:

> ***"It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith."***

Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 biss.

Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghal htija taht dina d-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irrid jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi ***"persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku"***. Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioe' illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun libsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi il-kapacita li fiha qed tagixxi, madanakollu ix-xjenza tal-persuna li qed

tikkometti dana ir-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti il-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dana ir-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli ighid**:**

> ***"Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."***

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza Il-**Pulizija vs Joseph Zahra** deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

> ***"Dana l-artikolu*** **(b'referenza ghall-artikolu 96)** ***jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skont il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".***

Il-Qorti wara li analizzat il-provi jirrizultalha li f'fazijiet differenti tal-incident fil-bini tal-Qorti fl-Awla u barra l-istess edificju bl-agir tieghu l-imputat wettaq dawn iz-zewg reati fejn l-elementi li jikkostitwixxu l-istess

reati gew pruvati lil hinn minn kull dubju mill-Prosekuzzjoni bix-xhieda li prezentat quddiem din il-Qorti, liema xhieda sintezi taghha saret referenza ghaliha aktar 'l fuq.

**Tielet imputazzjoni**

**Art. 221(3) Feriti ta' natura hafifa**

Dwar il-feriti il-linja gwida li trid issegwi din il-Qorti hija dik moghtija fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** deciz mill-Prim Imhallef Dr. Vincent De Gaetano fit-30 ta' Lulju 2004 u mhux x'jghid xi hadd hux reporter jew opinjonist f'xi gurnal li lanqas ikunu indenjaw jaqraw is-sentenza kollha biex jifhmu r-ragunament tal-Qorti li wassal ghad-decizjoni taghha[13]. Il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

> **"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'idejn l-Imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew**

[13] Il-Qorti tinnota ukoll li hemm anke organizzazzsjonijiet li jistriehu fuq dak rapurtat fil-media flok jaqraw u janalizza is-sentenza lit kun inghatat.

**klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."**

Il-Qorti rat li l-*parte civile* soffriet feriti hfief u dan skont ic-certifikat esebit u kkonfermat bil-gurament minn Dr. Anna Micallef Med. Reg. No. 4146 mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana.

**<u>Ir-raba' (4) imputazzjoni</u>**

**<u>Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

Illi taht ir-raba' (4) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija. Fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze** deciza fil- 25 ta' Gunju 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

> *"Ordni legittimu moghti mill-Pulizija jew mill-awtorita' ghandu dejjem jigi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li wiehed jirreklama dwar il-gustizzja intrinsika ta' dak l- ordni (ara s-sentenza ta' din il-Qorti diversament ippreseduta tas-6 ta' Ottubru 1992, fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Austin Grech). Ordni jitqies legittimu ghall-finijiet tal-kontravvenzjoni kkontemplata fil-paragrafu (ee) ta' l- Artikolu 338 tal-Kodici Kriminali jekk ikun prima facie legittimu, jigifieri jkun prima facie regolari fil-kontenut tieghu u fil-forma li bih jinghata. Ma jirrizultax li kien hemm xi haga prima facie rregolari fl-ordni li PC 604 ta lill- appellanti u ghalhekk, kienet x'kienet il-kariga taghha, hi kellha toqghod ghal dak l-ordni u mhux tisfida l-awtorita' pubblika".*

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti jirrizultalha li l-imputat

naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija u ghalhekk se jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

**<u>Ir-Ricediva</u>**

Din l-akkuza wkoll tirrizulta ppruvata. Giet prezentata sentenza moghtija mill-Magistrat (illum Imhallef) Aaron Bugeja datata ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar tal-elfejn u tmintax (2018) li ghaliha hemm riferenza fil-fedina penali kif wkoll gie stabbilit bix-xhieda tal-Ispettur Roderick Agius Custo li l-konnotati tal-imputat odjern jaqblu mal-istess konnotati indikati fl-istess sentenza. Il-prova tal-identita tal-imputat vis-a-vis din is-sentenza saret mill-Prosekuzzjoni. Ghall-Qorti ghalhekk m'hemm l-ebda dubju li l-imputat odjern kien wkoll l-imputat fil-procedura l-ohra li giet konkluza. Mill-provi prodotti rrizulta wkoll li ghadu m'ghaddiex it-terminu impost mil-ligi biex l-akkuza tar-ricediva ma tirrizultax.

**ATTAKKI FUQ PULIZIJA QATT M'HUMA SKUZABBLI**

Il-Qorti terga' ttenni li l-Pulizija jridu jkunu protetti waqt li jkunu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom u hadd m'huwa skuzat – tkun xi tkun ir-raguni – li jhedded lil xi ufficjal tal-Pulizija jew li b'xi mod iweggghom. Dan il-kaz hu aktar serju u ta' thassib ghax gara f'Awla fil-Qorti u barra l-istess Awla.

Ordni tal-Pulizija ghandha tkun obduta mal-ewwel u ghandu jintwera rispett lejn kull uffiċjal dejjem u kullimkien. Dan ir-rispett ghandu jidher

b'mod l-aktar ċar u enfatiku f'sitwazzjonijiet fejn tkun dahlet imqar naqra tensjoni.  F'dan il-kaz it-tensjoni holoqha bla bzonn l-imputat stess, liema imgieba qatt m'hi se tkun tollerata minn din il-Qorti.

**Il-Qorti ma tridx li membri tal-Korp tal-Pulizija jiddemoralizzaw ruhhom ghaliex ghad hawn min jahseb li hu 'l fuq mil-ligi u ma jirrispeta lil hadd.  Attakk fuq membru tal-Korp tal-Pulizija jew xi forza ohra tal-ordni huwa attakk fuq is-socjeta' kollha.  Kif jista' f'pajjizna xi hadd jaccetta li membru tal-korp harget mid-dar ghal gurnata tax-xoghol u rritornat lura feruta?**

Il-Pulizija Esekuttiva hija hemm sabiex tipprotegi c-cittadin u m'ghandhiex tigi mqieghda f'sitwazzjoni li tibza tezercita d-dritt taghha li tikkoregi lill-individwu li ma jkunx qed jimxi skont il-ligi.

Il-Qorti  tinkoragixxi lill-ufficcjali tal-Pulizija sabiex jintervjenu kull fejn ikun hemm xi nuqqas ta' terz u dan bl-intendiment li jkun hemm armonija shiha fil-pajjiz.

## KONSIDERAZZJONIJIET DWAR PIENA

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena*

*huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali.* ***<u>Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.</u>***[14] *(Enfasi tal-Qorti).*

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita' tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[15] dik il-Qorti qalet hekk:

---

[14] Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.
[15] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*Huwa car...., li l-ewwel haga li Qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mil-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal perijodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet stadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perjodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

**Il-Ġustizzja: tagħti lil kulħadd dak li hu tiegħu**

L-abbli difensur Dottor Michael Tanti Dougall fis-sottomissjonijiet finali tieghu dwar il-piena stieden lil Qorti filwaqt li silet numru ta' kwotazzjonijiet minn sentenzi varji ta' din il-Qorti fejn ikkwotat minn temi socjali trattati min Mexxejja tal-Knisja biex waqt li tkun qieghda tiddelibera din id-decizjoni tirrifletti dwarhom. Stante li f'dan il-kaz anke ssemmiet l-attendenza tal-imputat f'organizzajoni imsejhra *River of Love* il-Qorti qieghda tilqa' din l-istedina u se tislet dawn il-kwotazzjonijiet:

> *Skont il-filosfu Heidegger wieħed jista' jkollu ħajja awtentika biss jekk jagħraf li huwa għandu l-limitazzjonijiet u għalhekk ser ikun hemm ħwejjeġ li jkunu impossibbli għalih li jilħaqhom. L-għarfien li aħna limitati huwa dak li jgħinna nkunu umani. Din mhix xi għamla ta' rassenjazzjoni, imma aċċettazzjoni tal-verità dwarna nfusna u li tgħinna ninfetħu għal "etika tal-infinit", fis-sens li meta l-bniedem jaċċetta li hemm limitu sa fejn jista' jasal, imbagħad jibda jħoss il-bżonn ta' xi ħadd li jgħinu.*[16]
>
> *Il-paċi ma' ħaddieħor għandha isem u dan l-isem huwa 'ġustizzja'. Il-paċi ma tistax tinjora l-esiġenza li nitrattaw lil xulxin b'rispett u skont kif jistħoqq lil xulxin. Il-ġustizzja titlobna biex lil kulħadd nagħtuh dak li jistħoqqlu, dak li hu tiegħu. Il-ġustizzja hija l-vera meritokrazija. Il-ġustizzja hija l-vera trasparenza. Il-ġustizzja hija l-bażi ta' kull progress*

[16] Il-Ħadd 14 ta' Awwissu 2016 Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex

*soċjali. Dan għax fil-ġustizzja ċ-ċittadin iħossu milqugħ u stmat fuq il-merti tiegħu.*[17]

*Ħafna drabi, minħabba r-rebgħa, ikollna problema biex nifhmu l-esiġenzi tal-ġustizzja, mhux biss ma' min qed jgħix illum imma ankè ma' ġenerazzjonijiet futuri. Jien il-ġustizzja nemmen fiha ħafna, u iżjed ma' nirrifletti iżjed inkun persważ mill-ġustizzja li, mhux biss trid tkun dik li tissalvagwardja r-rapport personali tiegħi ma' ħaddieħor li nagħtih dak li jistħoqqlu. Dik hi iustum est suum cuique trubuere, li tagħti lil kulħadd dak li hu tiegħu.*[18]

*Ir-rwol tal-Qorti li hija qorti tal-ġustizzja li tinterpreta l-liġi b'mod li l-poplu jifhimha. Xi rrid ngħid? Jiġifieri l-poplu meta jirċievi, forsi wara ftit taż-żmien, is-sentenza tal-Imħallef, ikun kapaċi jgħid: din hija kelma ta' verità u ta' ġustizzja bbażata fuq id-dritt u fuq l-eziġenżi li aħna ngħixu flimkien u l-konvivenza tagħna tkun mibnija fuq stat ta' dritt.*[19]

*Min minna ma jafx x'inhu l-mard? Fl-istess nifs li ssemmi l-bniedem, ma tistax ma ssemmix il-mard. Ladarba aħna dgħajfin, aħna suġġetti għall-mard. Imma għalkemm il-mard huwa parti mill-istorja ta' kull wieħed u waħda minna, mhux kulħadd jiffaċċjah bl-istess mod: issib min jaċċetta l-marda tiegħu, imma hemm min jitgħawweġ u jitkisser taħt il-*

[17] 5 ta' April 2015 "Il-Paċi Magħkom" – artiklu tal-Arċisqof Charles J. Scicluna ppublikat fil-ġurnal 'Illum'

[18] Nhar l-Erbgħa 3 ta' Ġunju 2015, l-Arċisqof Charles J. Scicluna ndirizza Seminar tal-Fondazzjoni Centesimus Pro Pontifice, fis-Seminarju tal-Virtù, ir-Rabat.

[19] 1 ta' Ottubru 2015 L-Arċisqof Charles J. Scicluna fil-ftuħ tas-Sena Forensi

*piz kiefer tal-mard; anzi ħafna drabi mal-persuna marida jbatu tal-familja u dawk ta' madwarha.*[20]

*Għalkemm il-ġustizzja hija kejl meħtieġ għas-soċjetà, l-esperjenza tixhdilna li bil-ġustizzja biss ma rnexxilniex inġibu l-ordni u l-paċi. Għalkemm għandna l-qrati bħala strutturi li jiggarantixxu l-ġustizzja, mhux biss ħafna feriti jibqgħu ma jagħlqux, imma xi drabi l-istess strutturi jikkawżaw ġerħat oħra.*[21]

Il-Qorti hadet l-opportunita' ukoll li tisma' lid-Direttur Generali tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin dwar is-sitwazzjoni fil-habs bhalissa u t-tip ta' ghajnuna li jinghata prigunier fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u dan anke biex tkun indirizzata biza' li l-imputat wera dwar is-sigurta' tieghu fl-istess facilita' meta tressaq il-Qorti fit-22 ta' Lulju 2019:

*Rigward l-inmate illi qed nara hawnhekk kemm ilu ġol-ħabs ma tana l-ebda problemi, bħalma tana l-ebda problemi oħra kwalunkwe inmate mis-sitt mija u sittin (660) li għandna bħalissa fil-ħabs. Ngħid bi pjaċir li d-droga fil-ħabs ma hemmx – eredikajniha. Ngħid bi pjaċir li l-aħħar ġlieda li kien hemm ġol-ħabs kienu madwar tlett xhur jew erba' xhur ilu. Ġol-ħabs ħadd ma jsawwat lil ħadd għax l-iswat mhux permessibbli. Jekk barra, taħt l-effett tad-droga, jew taħt l-effett ta' nuqqas ta' pinnoli, xi ħadd jagħmel dak li għandu jagħmel, ġol-ħabs din mhijiex permessa. U aħna nagħmlu dik l-azzjoni kollha li hemm bżonn biex dawn l-affarijiet li jsiru barra, ġol-ħabs kemm jista' jkun ma jsirux. Aħna ħa nibqgħu niffolowjaw kull inmate ta' kwalunkwe nazzjonalità u kwalunkwe*

[20] Pastorali Randan 2016 - Charles J. Scicluna Arċisqof ta' Malta u Mario Grech Isqof ta' Għawdex
[21] Isqof ta' Ghawdex Mario Grech fil-25 ta' Novembru 2015

*wealth li għandu fil-but, jekk għandux bżonn kura, anke oltre minn dak tat-tabib, tal-psikjatra, tal-psikologi, tas-soċjoliġi, u ta' kwalunkwe uffiċjal illi hemm ġewwa l-ħabs.*

*[…]*

*Jiena issa nibgħat għalih. Jekk irid jiftaħ qalbu miegħi, jiena lest li nisimgħu, jiena lest illi ngħinu, però qed ngħidha pubblikament f'waħda mill-iktar istituzzjonijiet tal-pajjiż li fil-ħabs mhux permess illi inmate jgħajjat ma' uffiċjal korrettiv, id-dixxiplina u l-ubbidjenza trid tibda minn hemm. Kemm ilni hemmhekk jien, fi tlettax-il (13) xahar ma tajniex daqqa ta' lembuba. Inwiegħdkom li mhux se nagħtuha jekk ma jkunx hemm bżonn. Jekk ikun hemm bżonn, qed ngħid b'responsabiltà,* ***ħa niknes,*** *għax fil-ħabs la nsawwtu u lanqas nissawtu.*[22]

**Il-Qorti wara li rat il-fedina penali tal-imputat u l-problemi li ghandu marbuta mal-abbuz tad-droga thoss li b'responsabbilta' se tipprovdi triq biex tohrog lill-imputat mill-jaghsar tal-vizzju li ghandu. Din it-triq se tghinu jirritorna lura fis-socjeta' hieles mill-vizzju tad-droga. Jista' jkun li kemm hu kif ukoll il-qraba tieghu mhux se jiehdu pjacir bid-decizjoni tal-Qorti imma jekk l-imputat mhux se jiehu dan ic-cans qatt m'hu se jkun cittadin hieles u denju ta' din is-socjeta'.**

[22] Xhieda li nghatat fuq ordni tal-Qorti nhar il-Hamis 25 ta' Lulju 2019

Wara li rat ic-cirkostanzi tal-każ l-imputat David Bonnici barra li se jkun ikkundannat ghar-reati li wettaq fil-bini tal-Qorti fit-22 ta' Lulju 2019, se jitqiegħed taħt ordni ta' trattament skont l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, ghaliex huwa meħtieġ li jiġi mgħejjun biex jegħleb l-abbuz tad-droga bi programm ta' riabilitazzjoni ghaliex jidher li dan il-vizzju hu l-gheruq tal-problema fejn qieghed ikun affetwat biex jiddelinkwi kif ukoll trattament ghal *anger management*. Bir-rispett lejn kullhadd, il-medicina biss bhal dik li qieghed jiehu l-imputat li hija sostizzjoni ghall-eroina bhal ma' hi l-methadone mhux bizzejjed biex jeghleb il-vizzju. Programm ta' riabilitazzjoni residenzjali serju biss bhal tal-Caritas, Oasi u Sedqa jistghu jaghtu opportunita' lil persuna li tassew tirriabilita' ruhha.

**DECIDE:**

Il-Qorti ghal dawn il-mottivi wara li rat artikoli 17, 49, 50, 96, 95, 221(3), 222 u 338(ee) issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha u tikkundannah sentejn prigunerija u hamest elef ewro (€5,000) multa.

In konkluzzjoni l-Qorti qieghda tqieghed lill-hati taht ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, liema ordni qieghed isir ghall-perjodu ta' tliet (3) snin bil kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza u tal-Ordni ta' Probation tigi moghtija minnufih lill-imputat u kopja ohra ghandha tigi notifikata minnufih lid-

Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex ikun jista' jassenja ufficjal li jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat skont id-direttivi tal-istess ordnijiet. Fl-interess tal-imputat l-ufficjal tal-Probation mahtur ghandu jikkordina mad-Direttur Generali tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin il-Kurunell Alex Dalli biex waqt li l-imputat ikun qieghed jiskonta din il-piena jibda bit-trattament mehtieg b'mod immedjat.

Il-Qorti fehmet bi kliem ċar u li jinftiehem il-portata ta' din l-ordni u l-konsegwenzi li jkollu jaffaċċja David Bonello fil-każ li huwa jonqos milli jwettaq din l-ordni skont kif ordnat lilu.

Il-Qorti tiehu l-opportunita' li twassal dan il-hsieb[23]:

*Life is an opportunity, benefit from it.*
*Life is beauty, admire it.*
*Life is a dream, realize it.*
*Life is a challenge, meet it.*
*Life is a duty, complete it.*
*Life is a game, play it.*
*Life is a promise, fulfill it.*
*Life is sorrow, overcome it.*
*Life is a song, sing it.*
*Life is a struggle, accept it.*
*Life is a tragedy, confront it.*
*Life is an adventure, dare it.*

[23] Madre Tereza ta' Calcutta

*Life is luck, make it.*

*Life is too precious, do not destroy it.*

*Life is life, fight for it.*

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**